# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 89 I

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 61

5 ta' April 2018


Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI


★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/537 tal-5 ta' April 2018 li jemenda għat-283 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mal-organizzazzjonijiet tal-ISIL (Da'esh) u tal-Al-Qaida** ..... 1


MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/537

## tal-5 ta' April 2018

## li jemenda għat-283 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mal-organizzazzjonijiet tal-ISIL (Da'esh) u tal-Al-Qaida

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mal-organizzazzjonijiet tal-ISIL (Da'esh) u tal-Al-Qaida ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1)(a) u l-Artikolu 7a(1) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet koperti mill-iffriżar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi skont dan ir-Regolament.

(2) Fid-29 ta' Marzu 2018 il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill għas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda li jżid annotazzjoni waħda mal-lista tal-persuni, il-gruppi u l-entitajiet tiegħu li għalihom jenħtieġ li japplika l-iffriżar tal-fondi u riżorsi finanzjarji. Għalhekk jenħtieġ li l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jiġi emendat skont dan.

(3) Sabiex jiġi żgurat li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ikunu effettivi, jenħtieġ li dan jidħol fis-seħħ immedjatament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' April 2018.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

*Il-Kap tas-Servizz għall-Istrumenti tal-Politika Barranija*

---

([1]) ĠU L 139, 29.5.2002, p. 9.

*ANNESS*

Fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002, l-entrata li ġejja tiżdied taħt l-intestatura "Persuni ġuridiċi, gruppi u entitajiet":

"Khatiba Imam Al-Bukhari (KIB) (magħrufa wkoll bħala: Khataib al-Imam al-Bukhari). Indirizz: (a) Khan-Shaykhun, ir-Repubblika Għarbija Sirjana (53 km fin-Nofsinhar ta' Idlib, il-post fejn tinsab f'Marzu 2018); (b) Aleppo, Idlib u Khama, ir-Repubblika Għarbija Sirjana (iż-żona tal-operazzjoni); (c) Iż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan (il-post preċedenti tagħha). Informazzjoni oħra: mill-2016, riallokata għat-Tramuntana tal-Afganistan. Id-data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 7d(2)(i): 29.3.2018."

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT